

Translating Europe Workshop

Niktbu għal Kulħadd

Il-lingwa inklużiva u l-kontenut aċċessibbli f'Malta

*Inclusive language and accessible content:
the state of play in Malta*

2 ta' Diċembru 2023 | 09:00-13:00
Aula Magna, l-Università l-Qadima



L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti

Id-Dipartiment
tal-Malti

Department of Translation,
Terminology & Interpreting Studies

**AULA MAGNA, IL-KAMPUS TAL-BELT VALLETTA TAL-UNIVERSITÀ TA' MALTA
2 TA' DIĊEMBRU 2023**

PROGRAMM

- 09:00 Kafè u reġistrazzjoni
- 09:15 *Ftuħ tal-konferenza*
Dr Helena Dalli, Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza
- 09:30 *Words matter: sensitive content in the media*
Prof. Jorge Díaz Cintas (CenTraS, UCL)*
- 10:30 *Il-lingwaġġ inklużiv fil-Malti: sfidi u alternattivi*
Romario Sciberras (Dipartiment tal-Malti, UM)
- 10:50 Waqfa għall-kafè
- 11:20 Workshops (isiru darbtejn)
1. *Il-kitba ċara: li qed niktbu jinftiehem?*
2. *Strateġiji għal kitba u traduzzjonijiet inklużivi bil-Malti*
- 12:10 Intervista: *L-esperjenza tal-persuni neqsin mis-smiġħ u dawk neqsin mid-dawl*
- 12:20 *L-arti u l-midja inklużivi: esperjenza immersiva kondiviża*
Dr Giselle Spiteri Miggiani (Department of Translation, Terminology and Interpreting Studies, UM)
- 12:50 Għeluq tal-konferenza

**Issir bl-Ingliż*

[Paġna tar-reġistrazzjoni \(fis-sala jew online\)](#)

NILTAQGĦU MAL-KELLIEMA



DR HELENA DALLI hija l-Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza – l-ewwel persuna li qatt kienet f'dan ir-rwol. Xogħolha huwa li twettaq il-kapitlu tal-Unjoni tal-Ugwaljanza fil-Linji Gwida Poliċi tal-President Von der Leyen, billi ssaħħa l-impenn tal-Ewropa favur l-ugwaljanza u l-inklużjoni f'kull sens.

Qabel ingħaqdet mal-Kummissjoni, Dr Dalli kienet il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza u Ministru għad-Djalogu Soċjali, l-Affarijiet tal-Konsumatur u tal-Libertajiet Ċivili. Għamlet id-dottorat tagħha fis-Soċjoloġija Politika mal-University of Nottingham u kienet tgħallem l-Università ta' Malta.



PROF. JORGE DÍAZ CINTAS huwa professur tat-traduzzjoni u direttur fundatur (2013-2016) ta' CenTraS ta' University College London. Huwa meqjus bħala pionier tat-traduzzjoni awdjoviżiva, u ħarreġ tradutturi f'sitt kontinenti. Jiġi mistieden jtkellem f'ħafna konferenzi u attivitajiet madwar id-dinja, u serva ta' konsulent għall-istituzzjonijiet Ewropej, OONA, Deluxe u Netflix fost l-oħrajn. Huwa l-awtur ta' għadd kbir ta' artikli, ħarġiet speċjali u kotba dwar it-traduzzjoni awdjo-viżiva, inkluż [Subtitling: Concepts and Practices](#) (ma' Aline Remael, 2021). Huwa l-Kap Editur tas-sensiela ta' Peter Lang *New Trends in Translation Studies* u rċieva l-Jan Ivarsson Award u l-Premju Xènia Martínez għas-servizzi tiegħu fil-qasam tat-traduzzjoni awdjo-viżiva.



DR GISELLE SPITERI MIGGIANI hija lettur fid-Dipartiment tat-Traduzzjoni, it-Terminoloġija u l-Interpretar fl-Università ta' Malta, u hija l-pionier fl-istudju tat-traduzzjoni awdjo-viżiva u l-aċċessibbiltà għewwa Malta. Dr Spiteri Miggiani ilha tittraduċi u tadatta l-kontenut mill-2006 u ħadmet fuq bosta films, sensiliet u dokumentarji li xxandru fuq ir-Rai u l-Mediaset. Tiġi mistiedna spiss titkellem u tgħallem f'universitajiet Ewropej u tagħmel xogħol ta' konsulenza mal-Istituzzjonijiet tal-UE u kumpaniji ewlenin tal-lokalizzazzjoni internazzjonali. Ix-xogħol tagħha bħalissa huwa ffukat fuq l-iżvilupp tat-traduzzjoni awdjo-viżiva u l-aċċessibbiltà fis-setturi tal-midja u kulturali Maltin. L-inizjattivi tagħha jinkludu proġetti li jsaħħu l-inklużività permezz tas-sottotitli għall-kontenut u l-awdjodeskrizzjoni għall-arti viżiva u spazji kulturali. Hija l-awtriċi tal-ktieb *Dialogue writing for dubbing – An insider's perspective* flimkien ma' bosta artikli u kapitli.



ROMARIO SCIBERRAS gradwa fil-Malti fl-2019 u bħalissa jgħallem il-lingwa f'livell sekondarju. Fir-riċerka għat-teżi tal-Baċellerat ħares lejn il-letteratura Maltija minn perspettiva Queer, u qed juża l-istess qafas teoretiku għar-riċerka tal-Maġisteru tiegħu fil-Malti. F'din ir-riċerka qed jiffoka fuq il-possibilitajiet newtrali fil-Malti fil-lingwaġġ dwar il-ġeneri, ladarba tinteressah ħafna r-relazzjoni bejn il-lingwa u l-identità, partikolarment l-identitajiet tal-ġeneru.

Translating Europe Workshop

Niktbu għal Kulħadd

Il-lingwa inklużiva u l-kontenut aċċessibbli f'Malta

*Inclusive language and accessible content:
the state of play in Malta*

2 ta' Diċembru 2023 | 09:00-13:00
Aula Magna, l-Università l-Qadima



L-Università ta' Malta
Il-Fakultà tal-Arti

Id-Dipartiment
tal-Malti

Department of Translation,
Terminology & Interpreting Studies

**AULA MAGNA, UNIVERSITY OF MALTA VALLETTA CAMPUS
2 DECEMBER 2023**

PROGRAMME

- 09:00 Coffee and registration
- 09:15 *Conference opening*
Dr Helena Dalli, European Commissioner for Equality
- 09:30 *Words matter: sensitive content in the media*
Prof. Jorge Díaz Cintas (CenTraS, UCL)*
- 10:30 *Inclusive language in Maltese: challenges and alternatives*
Romario Sciberras (Dipartiment tal-Malti, UM)
- 10:50 Coffee break
- 11:20 Workshops
1. *Clear language: can people understand what we write?*
2. *Strategies for inclusive writing and translation in Maltese*
- 12:10 *Interview: How blind and deaf people experience media*
- 12:20 *Inclusive arts and media: a shared immersive experience*
Dr Giselle Spiteri Miggiani (Department of Translation, Terminology and Interpreting Studies, UM)
- 12:50 Concluding remarks

To be held in English. The conference will be held in Maltese, however interpreting into English will be available throughout the whole conference **on-site only [Registration page](#) (in person and online)*

MEET THE SPEAKERS



DR HELENA DALLI is the European Commissioner for Equality – the first person ever to hold the post. Her role is to deliver on the Union of Equality chapter within the Political Guidelines of President von der Leyen, by strengthening Europe’s commitment to equality and inclusion in all of its senses.

Prior to taking up her role as Commissioner, Dalli held various political roles in Malta, most recently as Minister for European Affairs and Equality and Minister for Social Dialogue, Consumer Affairs and Civil Liberties. She read for a PhD in Political Sociology from the University of Nottingham, and lectured in Economic and Political Sociology, Public Policy, and Sociology of Law at the University of Malta.



PROF. JORGE DÍAZ CINTAS is Professor of Translation and founding director (2013–2016) of the Centre for Translation Studies (CenTraS) at University College London. He is the author of numerous articles, special issues and books on audiovisual translation, including *Subtitling: Concepts and Practices* (with Aline Remael, 2021). A pioneer in audiovisual translation, Jorge has trained translators-to-be across six continents, is a frequent speaker at international conferences and events, and has offered consultancy services to the European Parliament, European Commission, OONA, Deluxe and Netflix, among others. He is the Chief Editor of the Peter Lang series *New Trends in Translation Studies* and the recipient of the Jan Ivarsson Award ([ESIST](#), 2014) and the Xènia Martínez Award ([ATRAE](#), 2015) for invaluable services to the field of audiovisual translation.



DR GISELLE SPITERI MIGGIANI is a tenured lecturer in the Department of Translation, Terminology, and Interpreting Studies at the University of Malta. She introduced Audiovisual Translation and Accessibility as a new area of studies and teaches and coordinates this postgraduate specialisation stream. She is also a professional audiovisual translator and adapter of media content since 2006 and has worked on numerous productions on RAI and Mediaset.

She is invited regularly as guest speaker, trainer and visiting lecturer at other universities across Europe and delivers consultancy and training to EU institutions and global leading media localisation companies. Apart from her global-oriented research on dubbing, her current work focuses on the development of audiovisual translation and accessibility in Malta’s media and cultural sectors.

Her initiatives include projects aimed at enhancing inclusivity through the provision of subtitles for media content and audio description for the visual arts, and cultural spaces. She authored the book *Dialogue writing for dubbing – An insider’s perspective* (Palgrave Macmillan, 2019), among other journal articles and book chapters.



ROMARIO SCIBERRAS graduated in Maltese in 2019 and he currently teaches the language at secondary level. For his Bachelor’s dissertation, he examined Maltese literature from a queer perspective, and he is currently using the same theoretical framework for his Master’s thesis in Maltese at the University of Malta. In this research, he is focusing on gender-neutral possibilities in Maltese, since he is particularly interested in the relationship between language and identity, particularly gender identity.